**10 ta' Diċembru, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

L-Onorevoli Lino Debono

*versus*

Carmel Callus *et*

## Libell Famuż – Eċċezzjoni tal-Verità tal-Fatti – Oneru tal-Prova

*Meta f'kawża għad-danni minħabba libell famuż tingħata eċċezzjoni tal-verità tal-fatti, l-oneru tal-prova li dawn il-fatti għandhom tassew mis-sewwa taqa' fuq il-konvenut li jressaq dik l-eċċezzjoni.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

L-attur ippreżenta ċitazzjoni quddien l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u talab lil dik il-Qorti biex tiddikjara li l-kitba li dehret fl-imsemmi ġurnal fit-22 ta' Marzu 1988 intitolata "Servizz ġdid b'*hovermarine* bejn Malta u Għawdex" kienet malafamanti għall-istess attur u, konsegwentement li tikkundanna lill-konvenuti li jħallsuh id-danni minnu sofferti minħabba dak il-libell inkriminanti;

Il-konvenuti eċċepew:

(a) in-nullità taċ-ċitazzjoni billi t-tieni u t-tielet talba anqas biss jiftiehem is-sens tagħhom;

(b) illi l-kontenut ta' l-artikolu huwa riproduzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Għawdex u għalhekk hija privileġġjata a tenur ta' l-artikolu 33 ta' l-Att XI ta' l-1974;

(c) illi l-fatti tal-kitba huma veri; u

(d) il-konvenut Spiteri ma qarax l-artikolu minnu stampat;

Fit-28 ta' Novembru 1989 dik l-onorabbli Qorti ddeċidit il-kawża u billi l-attur naqas li jipprova sodisfaċentement it-talbiet tiegħu ċaħdet dawk it-talbiet, bl-ispejjeż;

*Din is-sentenza hija motivata prinċipalment mill-*kunsiderazzjoni illi l-attur la avvanza provi fis-seduti li sejjaħ l-Assistent Ġudizzjarju u l-anqas fl-udjenza tal-Qorti, (li) difatti qalet:

"Illi mill-verbal tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju u dak ta' l-udjenza tal-Qorti stess, fuq riferiti, jidher li l-attur la ressaq il-provi tiegħu u l-anqas ħa interess jidher u jagħti raġunijiet għan-nuqqas tiegħu li jressaq il-provi. Anke wara li fl-4 ta' Ottubru 1989 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għat-28 ta' Novembru, l-attur baqa' ma ħa ebda pass jew għamel xi talba biex iressaq il-provi tiegħu qabel il-Qorti tgħaddi għas-sentenza.

Illi lanqas id-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni u d-dokument eżebit mill-attur ma fihom fatti suffiċjenti li jikkostitwixxu prova sodisfaċenti tat-talbiet ta' l-attur ..."

L-attur appella għaliex deherlu illi l-Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi meta stenniet il-provi mingħandu għaliex il-konvenuti assumew ir-responsabilità tal-kitba u anki li jippruvaw il-verità tal-fatti li hemm fil-kitba, u għalhekk il-provi kellhom jagħmluhom huma u mhux huwa;

Minn eżami ta' l-inkartament li jikkostitwixxi l-proċess, jirriżulta illi l-attur u l-avukat tiegħu prattikament deheru f'żewġ okkażjonijiet biss mill-għaxra li jistgħu jingħaddu, bejn seduti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u l-udjenzi quddiem il-Qorti.

Da parti tagħhom il-konvenuti ma deheru qatt, però l-avukat tagħhom kien preżenti għal sitt okkażjonijiet mill-għaxra;

L-istess avukat tal-konvenuti fis-seduta tat-30 ta' Mejju 1989 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju irrileva:

"... li jekk l-attur jibqa' ma jressaqx il-provi tiegħu huwa sejjer jitlob il-liberazzjoni mill-osservanza tal-konvenuti" (*sic*);

U rripeta l-istess ħaġa fis-seduta ta' l-20 ta' Lulju 1989. Għalhekk l-Assistent Ġudizzjarju – presumibbilment – irrimetta l-proċess lill-Qorti, u fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 1989 ġie reġistrat:

"Peress illi jirriżulta lill-Qorti illi l-attur naqas li jressaq il-provi tiegħu, il-kawża hija differita għas-sentenza għat-28 ta' Novembru 1989;"

L-insistenza li l-attur kellu jressaq il-provi tiegħu – u meta dan ma sarx, allura huwa ma ppruvax l-azzjoni tiegħu – però, f'din il-kwalità ta' kawża tirriżulta impostazzjoni żbaljata. X'kellu jipprova l-attur wara n-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti? Il-malafama? Din tirriżulta mill-kontenut stess tal-kitba u l-eċċezzjonijiet jasserixxu l-verità tad-dikjarat. Il-kwalifiki tal-konvenuti u r-responsabilitajiet tagħhom għall-artikolu inkriminat li deher fil-ġurnal li tiegħu kienu, fil-mument rilevanti, l-editur u l-istampatur? Dawn kollha huma ammessi mill-konvenuti fin-nota tagħhom. L-attur ma kellu bżonn jipprova xejn ġaladarba l-kawża ħadet ix-xejra li tawha l-konvenuti. Huma dawn li minn dak li qed jasserixxu fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom huma obbligati li jippruvaw (a) l-eżistenza u l-kontenut tas-sentenza tal-Qorti t'Għawdex li semmew, (b) il-verità tal-

fatti kontenuti fl-artikolu inkriminat, (ċ) in-nuqqas ta' xjenza tal-konvenut Spiteri; u dan barra milli kellhom jillustraw, b'xi mod, l-ewwel eċċezzjoni tagħhom billi esponew li t-tieni u t-tielet talba fiċ-ċitazzjoni ma kienux jinftehmu – u din l-eċċezzjoni preliminari kellha tiġi kunsidrata sa mill-bidu nett tal-kawża u qabel ma tiġi kunsidrata kwalsiasi kwistjoni oħra;

Is-sentenza tinvoka l-prinċipju korrett tar-responsabilità għall-provi, però tapplikah ħażin jew aħjar tattribwih bħala obbligu tal-parti żbaljata;

Dan kollu ġie traskurat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża u għalhekk biex dan kollu jkun jista' jsir m'hemmx triq oħra ħlief dik ta' l-annullament tas-sentenza appellata u r-rimissjoni ta' l-atti lill-Qorti ta' l-ewwel grad biex il-kawża tiġi trattata u deċiża kif imiss, skond il-liġi;

Spejjeż għall-konvenuti.